

31982D0886

31.12.1982

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 378/24

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-13 ta' Diċembru 1982****li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana**

(82/886/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi l-koperazzjoni internazzjonali hija essenzjali sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni, ir-restorazzjoni, it-titjib u l-ġestjoni razzjonali ta' l-iġlejjeb tas-salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana;

Billi l-Komunità ħadet sehem fin-negozjati li wasslu għall-adozzjoni minn konferenza diplomatika miżmuma f'Reykjavik mit-18 sat-22 ta' Jannar 1982 ta' Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana;

Billi din il-Konvenzjoni tqis il-provvisti ta' ġlejjeb anadromi tal-ħut fl-Abbozz tal-Konvenzjoni tat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

Billi l-Konvenzjoni tipprovdi qafas siewi għall-koperazzjoni internazzjonali sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni, ir-restorazzjoni, it-titjib u l-imġestjoni razzjonali ta' l-iġlejjeb tas-salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana;

Billi l-Konvenzjoni tistabbilixxi bilanċ sodisfaċenti bejn l-interessi ta' l-Istati li fix-xmajjar tagħhom joriġina s-salamun u l-Istati l-oħra li fiż-żoni taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tagħhom jinstad is-salamun,

IDDEĊIDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu Waħdien

Il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana hija hawnhekk approvata fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Konvenzjoni huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1982.

*Għall-Kunsill**Il-President*

N. A. KOFOED

⁽¹⁾ ĠU Nru C 238, tat-13.9.1982, p. 106.